MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' April, 2013

Rikors Numru. 45/2010

**Ragonesi & Company Limited f'isimha propju u bhala rapprezentanti lokali u ghan-nom ta' Alstom Elektrik Endustrisi A.S. tat-Turkija**

**vs**

**L-Avukat Generali u d-Direttur Generali tal-Kuntratt kif ukoll il-Korporazzjoni Enemalta ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tas-socjeta' Ragonesi & Company Limited f'isimha propju u bhala rapprezentanti lokali u ghan-nom ta' Alstom Elektrik Endustrisi A.S. tat-Turkija fejn gie premess:-

Illi l-kumpanija attrici hija agenta Maltija ta’ numru ta’ kumpaniji barranin u tirraprezentahom fi proceduri ta’ tenders tal-Gvern u awtoritajiet u entatijiet pubblici.

Illi nhar is-27 t’Awissu 2002 r-rikorrenti *propio et nomine* ipprezentat citazzjoni fl-ismijiet “Ragonesi & Company Limited pro et noe v id-Direttur tal-Kuntratti u l-Korporazzjoni Enemalta” (965/2002 JA) illi fiha talbet danni minghand il-konvenuti stante illi sostniet illi huma agixxew abusivament u irregolarment fil-procedura tal-ghoti tat-tender ghal xiri ta’ 90MVA Transformer (tender numru E/E/300/2000, no DIS 500-12) li fiha r-rikorrenti kienet ippartecipat.

Illi fil-qosor, fl-aggudikazzjoni tat-tender id-Direttur tal-Kuntratti kien iddecieda illi jaqsam il-kuntratt fi tnejn b’mod illi aggudika lill-kumpanija EFACEC Energie SA il-parti kbira tat-tender (main transformer*)* ta’ valur ta’ Eur 1,533,410 filwaqt illi aggudika parti zghira mit-tender (earthing transformer*)* fil-valur ta’ Eur 115,872 favur ir-rikorrenti *nomine.* Dan kien sehh ghaliex, skond l-istess Direttur tal-Kuntratti, l-offerta tal-kumpanija EFACEC ma kinitx “up to spec” fit-totalita’ taghha. Ir-rikorrenti issostni illi d-Direttur tal-Kuntratti ma kienx intitolat li “jispezzetta” l-ghoti ta’ kuntratt b’dan il-mod li agevola lil EFACEC, kemm skond il-kundizzjonijiet tal-istess tender kif ukoll il-Public Service Procurement Regulations. Kien ghalhekk illi gew intavolati l-proceduri 65/2002JA.

Illi fil-kors tal-gbir tal-provi quddiem il-Qorti rrizulta illi fi proceduri ohrajn ta’ aggudikazzjoni ta’ tender (E/E/T/PC3/61/2003) offerta li kienet saret mill-attrici Ragonesi & Company Limited f’isem il-kumpanija estera “Fulgor Greek Electric Cables” giet michuda ghaliex item wiehed minn tnax gie meqjus “out of spec.” F’dak it-tender l-intimat Direttur tal-Kuntratt ma qasamx it-tender u l-offerta tar-rikorrenti giet skartata.

Illi waqt kontro-ezami tal-Inginier Joseph Scicluna, xhud tal-Enemalta, huwa kien gie mistoqsi dwar it-tender E/E/T/PC3/61/2003 imma, minkejja li obbliga ruhu li jaghmel ricerki dwar dan it-tender, sussegwentement

irrifjuta li jirrispondi domandi dwar il-file imsemmi ghax skond hu “ma kienx involut fl-aggudikazzjoni tal-imsemmi tender”.

Illi in vista ta’ dan, sabiex l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili tkun tista’ tikkompara l-procedura wzata fiz-zewg *tenders* u tasal ghall-konkluzjonijiet taghha, ir-rikorrenti talbet, f’rikors tal-11 t’April, 2007 (**DOK A)** sabiex il-Qorti torнда l-ezibizzjoni tal-file ghat-tender E/E/T/PC3/61/2003 u sussegwentement, f’rikors iehor tal-25 t’April, 2007 talbet l-ezibizzjoni tal-*file* ghat-tender E/E/300/2000, no DIS 500-12 (**DOK B)**.

Illi r-rikors tal-11 t’April, 2007 kien gie milqugh dakinhar stess (**DOK C**) pero’ wara li l-konvenuti ressqu risposta, il-Qorti tat zewg digrieti nhar il-31 t’Ottubru, 2007 li permezz taghhom cahdet kemm ir-rikors tal-11 t’April kif ukoll dak tal-25 t’April, 2007 (**DOK D u E)**, *inter alia* ghaliex il-files fihom informazzjoni dwar applikazzjoni ghal tenders li saru minn terzi li mhumiex parti mill-kawza.

Illi f’zewg rikorsi tas-16 ta’ Novembru, 2008 (**DOK F u G)** ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tirrikunsidra d-digrieti precedenti taghha u dan partikolarment minhabba r-relevanza tal-files ghall-kawza u b’rispett ghall-principji ta’ trasparenza u gustizzja fl-oeprat tal-awtoritajiet pubblici.

Illi r-rikorsi gew ghal darba ohra michuda f’digriet tall-24 ta’ Dicembru, 2007 (**DOK H)**.

Illi nhar it-3 ta’ Gunju, 2008, id-Direttur tal-Kuntratti ezebixxa affidavit illi fih Connie Azzopardi ikkonfermat il-kontenut tad-dikjarazzjoni tad-Direttur annessa man-nota ta’ eccezzjonijiet. F’seduta tat-12 ta’ Novembru, 2008 l-stess Connie Azzopardi ikkonfermat illi l-konkluzjonijiet fl-affidavit waslet ghalihom wara illi ikkonsultat il-*file* relattiv (traskrizzjoni tax-xhieda annessa – **DOK I).** Kif jirrizulta fil-verbal tas-seduta in kwestjoni ([**DOK J)**, Dr Franco Vassallo f’isem l-attrici talab illi, ladarba x-xhud ghazlet li tirreferi ghall-*file*, il-Qorti tordna, fl-interess tal-gustizzja, li tali file jigi ezebit. Din it-talba giet michuda.

Illi nhar is-27 ta' Mejju, 2009 xehed Francis Attard fuq talba tal-konvenut Direttur tal-Kuntratti li rega' gahmel referenza ghall-files mertu tal-kawza. Dr Vassallo ghal darba ohra talab li jigu ezebiti l-imsemmija *files* biex ikun jista' jsir kontroezami tax-xhud, pero' din it-talba giet mill-gdid michuda (**DOK K)**.

Illi f'sentenza tas-26 t'Ottubru, 2009 Il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecideit il-kaz billi laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez.

Illi r-rikorrenti propio et noe issostni illi gew lezi zewg drittijiet fondamentali taghha kif tutelati fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea u cioe'id-dritt ghal smiegh xieraq skond l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, d-dritt tal-harsien minn diskriminazzjoni ai termini tal-Artiklu 14 tal-konvenzjoni Ewropea liema konvenzjoni hija inkorporata fil-ligi Maltija ai termini tal-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta.

Ir-ikorrenti tissottometti illi gie lez id-dritt taghha ghal smiegh xieraq meta l-Prim Awla tal-Qorti Civili ripetutament cahdet it-talbiet tar-rikorrenti sabiex jigu ezibiti files illi kienu relevanti, anzi centrali, ghall-mertu tal-kaz imressaq mir-rikorrenti. Ir-rikorrenti tissottometti illi l-files setghu jippruvaw u juru lill-Qorti illi d-Direttur tal-Kuntratti mexa b'two weights and two measures billi filwaqt illi fl-aggudikazzjoni tat-tender E/E/T/PC3/61/2003 offerta li saret mill-attrici giet michuda ghaliex item wiehed minn tnax gie meqjus out of spec, mentri fil-kaz tat-tender E/E/300/2000, no DIS 500-12 kumpanija ohra (EFACEC) fl-istess sitwazzjoni giet agevolata billi t-tender gie maqsum fi tnejn. Ir-rifjut tal-Qorti li tordna l-ezibizzjoni tal-files mhuwiex gustifikat mill-ligi anzi jmur kontra principji ta' trasparenza u gustizzja ghaliex dokumenti u files tal-awtoritajiet ghandhom ikunu accessibbli ghal kull min

ghandu interess fihom, kif huwa rifless anke fil-Kap 496 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Att dwar il-Liberta’ tal-Informazzjoni).

Illi inoltre r-rikorrenti ssostni illi gie lez id-dritt taghha ghal harsien minn diskriminazzjoni meta d-Direttur tal-Kuntratti ittratta b’mod differenti l-aggudikazzjoni tat-tenders numru E/E/300/200, no DIS 500-12 u numru E/E/T/PC3/61/2003 minkejja illi c-cirkostanzi taghhom kienu sostanzjalment simili kif fuq spejgat.

Ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenti propio et nomine qed titlob li jigi dikjarat li, ghar-ragunijiet premessi, kien hemm fil-konfront tar-rikorrenti vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti hekk kif protett fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f’Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta. Li ukoll jigi dikjarat i, ghar-ragunijiet premessi, l-agir tal-intimat Direttur tal-Kuntratti kiser id-dritt tar-rikorrenti ghal harsien minn diskriminazzjoni kif protett mill-Artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f’Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta u li sussegwentement jinghataw ir-rimedji kollha xierqa, effettivi u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimati Avukat Generali u Direttur Generali tal-Kuntratti fejn gie eccepit:-

Illi fir-rikors promotur is-socjeta’ rikorrenti qeghda tallega ksur tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq kif garantit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u bl-artikolu 6 ta’ Konvenzjoni Ewropeja; kif ukoll, ksur tad-dritt taghha ghal harsien minn diskriminazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Eccezzjonijiet Preliminari

Locus Standi

Illi d-Direttur Generali tal-Kuntratti mhux il-legittimu kuntradittur in kwantu ghall-ewwel talba stante li l-ilment tas-socjeta' rikorrenti li gie lez id-dritt taghha ghal smigh xieraq minhabba c-cahda mill-Onorabbli Prim Awla ghat-talba ta' ezebizzjoni ta' files governattivi ma tista' qatt tigi diretta fil-konfront tieghu;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Avukat Generali mhux il-legittimu kuntradittur inkwantu ghat-tieni talba u dan a tenur ta' l-artikolu 181B tal-Kap 12 u dan peress li l-ilment tas-socjeta' rikorrenti li gie lez id-dritt taghha ghal harsien minn diskriminazzjoni evidentement mhux dirett fil-konfront tieghu u lanqas jista' jigi dirett fil-konfront tieghu fi kwalunkwe kaz stante li procedura dwar ghoti ta' tender ma jaqghux fi-mansjonijiet tieghu.

Non-Ezawriment tar-rimedji Ordinarji

Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandu jogoghbha tirrifjuta li terzercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ai termini tal-proviso tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 4 tal-Kap 319.

In sostenn ta' din l-eccezzjoni, l-esponenti jirreferu ghall-fatt li s-socjeta' rikorrenti ghazlet li ma tinterponix appell mid-decizjoni tal-Prim Awla moghtija fis-26 ta' Ottubru, 2009 fejn setghet allura wkoll tappella mid-digrieti tac-cahda ghall-ezebizzjoni tal-files li dwarhom is-socjeta' rikorrenti qed tilmenta.

Inoltre' fl-istess procedura l-istess socjeta' rikorrenti ukoll kienet qeghda tilmenta li fi procedure ohra d-Direttur Generali tal-Kuntratti mexa b'mod differenti fi procedura ta' sejha ghall-offerti ohra.

Ghalhekk m'hemmx dubju li s-sentenza tal-prim Awla hija "res judicata" u li s-socjeta rikorrenti ma utilizzatx ir-rimedji ordinarji ta' l-appell hekk kif provdut fil-ligi.

Rikors Frivolu u Vessatorju

Illi in linea preliminari wkoll u in vista tas-suespost ir-rikors promotur huwa wiehed frivolu u vessatorju stante li dawn il-proceduri huma intizi biss biex iservu ta’ appell mid-decizjoni ta’ l-Onorabbli Prim Awla meta minflok is-socjeta’ rikorrenti kellha a disposizzjoni taghha appell minn dik is-sentenza.

Fil-Mertu

Ebda ksur ta’ l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif sanciti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Dawn l-artikoli jipprovdu dwar id-dritt ghal smiegh xieraq liema dritt ghandu jigu assigurat matul il-procediment tal-kawza u dan fl-assjem u fit-totalita’ taghha.  Ma jistax ikun hemm analizi vis-à-vis punt partikolari tal-procedura jew xi moment fiha.

Inoltre’ dawn l-artikoli ma jiggarantixxux xi dritt ta’ ezebizzjoni ta’ files governattivi f’xi kawza kif qed tippretendi s-socjeta’ rikorrenti.

Illi l-esponenti, f’dan l-istadju, jirrilevaw is-segwenti:-

Huwa importanti li jigi sottolineat il-fatt li s-socjeta’ rikorrenti talbet ghall-ezebizzjoni ta’ dawn il-files fi stadju meta hija kienet diga’ ghalqet il-provi taghha.

Inoltre’ s-socjeta’ rikorrenti fl-esposizzjoni tal-fatti li ghamlet fir-rikors promotur naqset li ssemmi li nonostante l-proceduri li hija ressqet quddiem l-Onorabbli Prim Awla fejn ilmentat bl-agir ta’ l-awtoritajiet u bid-decizjoni li t-tender in kwistjoni jinqasam bejn zewg offerenti (wahda minnhom hija) sadanittant hija wettqet ix-xoghol relatat ma’ dik il-parti tat-tender li hija rebhet u sussegwentement thallset ukoll ta’ l-istess xoghol.

Illi mill-atti processwali tal-kaz fl-ismijiet “Ragonesi & Company Limited pro et noe vs Id-Direttur tal-Kuntrattur et (965/02JA) ghandu jirrizulta li s-socjeta’ rkorrenti kellha kull opportunita’ li tressaq il-provi taghha u l-fatt li l-Prim Awla cahdet it-talbiet taghha b’daqshekk ma jfissirx li gie xi lez u dritt fundamentali taghha.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kwsitjoni li l-Prim Awla kellha quddiemha biex tiddetermina kienet wahda pjuttost legali u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, ic-cahda ghat-talba sabiex jigu ezebiti l-files qatt ma setghet tinfluwenza l-ezitu tal-kaz taghha.

Ebda ksur ta’ l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta’ rikorrenti ghandha tigi michuda peress li hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt fundamentali tas-socjeta’ rikorrenti hekk kif sancit mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi l-esponenti jissottomettu illi sabiex wiehed jitkellem fuq diskriminazzjoni huwa necessarju illi jkun paragunati sitwazzjonijiet li huma simili.

Illi kif gie dejjem ritenut, l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m’ghandux ezistenza separata izda jrid dejjem jigi ezaminat flimkien ma dispozizzjonijiet ohra ta’ l-istess Konvenzjoni li jigarantixxu it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni (Airey v Ireland, deciza fid-9 ta’ Ottubru 1979 mill-Qorti ta’ Strasburgu).

Illi s-socjeta’ rikorrenti naqset tindika liema artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja qeghda tinvoka flimkien ma’ l-artikolu 14 ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropeja.

Illi in oltre, dwar l-Artikolu 14 ta’ Konvenzjoni ma jista’ jinstab ebda ksur tieghu u dan peress illi mhux kull “distinzjoni” necessarjament tammonta ghal “diskriminazzjoni” fis-sens ta’ l-Artikolu 14 u dan kif gie ben osservat mill-Qorti Ewropea fil-kaz Spadea and Scalabrino v Italy (deciz 28 ta’ Settembru 1995).

L-imsemmija intimate ghalhekk talbu li r-rikors tas-socjeta’ rikorrenti jigi michud bhala wiehed frivolu u vessatorju, bl-ispejjez kontra s-socjeta’ rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-intimata Korporazzjoni Enemalta fejn gie eccepit:-

It-talbiet tar-rikorrent huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt stante illi preliminarjament il-Korporazzjoni Enemalta mhijiex il-leġtimma kontradittiċi fil-proċess odjern.

Illi ukoll preliminarjament ir-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji li tipprovdi l-liġi stante illi r-rikorrent ma interponiex appell mis-sentenza mogħtija mjill-Onorabbli PrimAwla tal-Qorti Ċivili fl-ambitu tal-proċeduri kontestati, kif kienet tagħtih il-fakolta li jagħmel il-Kodiċi ta’ Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili.

Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati stante illi mhuwiex assolutament minnu li f’xi mod ġie lez id-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq.

Illi fil-fatt ir-rkorrent kien ben konxju mill-eżistenza tal-files in kwistjoni iżda talab għall-produzzjoni tagħhom ben wara li kien għalaq l-istadju tal-provi tiegħu.

Illi oltre piu`, filwaqt illi l-files in kwistjoni jkollhom numru ta' dettalji kunfidenzjali u appartenenti lill-entitajiet oħrajn li ikkompetu fl-istess tender li kien parzjalment mogħti lir-rikorrent, li aċċetta mingħajr protesta, il-files in kwistjoni ma għandhom ebda relevanza fil-mertu tal-kawża kontestata u għaldastant, kull tentattiv illi jingħad illi n-nuqqas ta' produzzjoni tal-files, li jiġi sottomess illi huma privileġġjati ai termini ta' l-artikolu 637 tal-Kap 12, f'xi mod kiser il-jedd ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent, jirrażenta il-frivolu u l-vessatorju speċjalment jekk tqies illi fit-talbiet tiegħu ir-rikorrent naqas ukoll milli jindika x'prova kien beħsiebu jaghmel bil-produzzjoni ta' l-imsemmi dokumenti, rekwizit kardinali sabiex tintalab il-produzzjoni ta' kwalsiasi prova jew document.

Ghalhekk, fid-dawl tas-suespost, l-intimata Korporazzjoni Enemalta titlob li t-talbiet tar-rikorrenti propio et nomine jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti propio et nomine.

Rat l-atti kollha tal-kawza fl-ismjiet "Ragonesi & Co. Ltd propio et nomine vs Direttur tal-Kuntratti et" deciza fis-26 ta' Ottubru 2009 (Citazz. numru 962/2002), liema atti gew annessi ma dawn l-atti b'dikriet ta' dina l-Qorti tal-11 ta' Ottubru 2010.

Semghat lil Roberto Ragonesi imsejjah mis-socjeta' rikorrenti.

Rat l-affidavit tal-istess xhud Roberto Ragonesi.

Semghat lill-istess xhud Ragonesi in kontro-ezami.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tas-socjeta' rikorrenti propio et nomine.

Rat in-nota ta'sottomissjoniiet responsiva tal-Korporazzjoni intimata Enemalta.

Rat in-nota responsiva tal-intimati Avukat Generali u tal-intimat Direttur tal-Kuntratti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumnti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

L-intimati kollha eccipew preliminarjament li s-socjeta' rikorrenti prpio et nomine kellha access ghal rimedji ordinarji li setghat tirrikorri ghalihom qabel ma gie presentat il-presenti rikors promotur. L-ewwel ser tigi tratata u deciza din l-eccezzjoni preliminari.

Dwar din l-eccezzjoni, is-socjeta' rikorrenti ssottomettiet illi l-poter ta' din il-Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha huwa wieħed diskrezzjonali u cioe' ghandha diskrezzjoni jekk tesaminax ir-rikors promotur jew jekk ghandhiex tiddeklina li tesercita l-poteri taghha li tisma r-rikors kostituzzjonali stante li r-rikorrenti naqas li ghamel uzu tarimedji ordinarji ohra li setghu jwasslu xorta wahda ghal rizultati li jistghu jwasslu dawn il-procduri. Ghalhekk din il-Qorti bl-ebda mod ma hija obbligata tastjeni anke jekk, għall-grazzja tal-argument, tħoss illi seta' kien hemm xi rimedji ordinarji illi r-rikorrenti setghu użufruwixxew minnhom qabel ma gie presentat ir-rikors kostituzzjonali. Dan jirriżulta anke minn qari tal-istess Kostituzzjoni b'mod partikolari l-artikolu 46(2) kif ukoll l-artiklu 4(2) fil-Kap 319.

Ir-rikorrenti ghamlu referenza ghas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "L-Onor J Debono Grech v A Mizzi et noe"[1] fejn gie ritenut li l-Qorti f'sede Kostituzzjonali "għandha tkun ġeluza" fl-eżerċizzju tad-dmirijiet Kostituzzjonali tagħha, u sakemm m'hemmx raġunijiet serji "m'għandhiex tastjeni u

[1] 20 ta' Novembru, 1987

tabdika favur xi Qorti oħra”. Fil-kawża “Balzan v Onor Prim Ministru”[2] intqal illi:- “Waħda mir-raġunijiet li għalihom il-Kostituzzjoni tagħti lill-Qorti din il-fakolta hija biex tevita li l-Qorti konċernata tiġi inondata b’ħafna kawżi li jkunu jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra. Jekk tagħmilx użu jew le minn din il-fakoltà huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti...**”** F’sentenza oħra ntqal ukoll illi:- “Illi huwa fatt li, minkejja li jista’ jkun minnu li l-parti rikorrenti seta’ kellha għad-dispożizzjoni tagħha rimedju ‘ordinarju’, din il-Qorti xorta waħda jibqagħlha dejjem id-diskrezzjoni li tagħżel li tibqa’ tisma’ l-kawża. L-eżistenza ta’ “rimedju ordinarju” ma torbotx idejn din il-Qorti milli tkompli tisma’ kawża kostituzzjoniali mressqa quddiemha. Id-diskrezzjoni li ghandha tintuża mill-Qorti, f’danir-rigward pero’ trid tkun waħda prudenti u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-Ġustizzja. (Prim’Awla tal-Qorti Civili 9 ta’ Frar 2000 sentenza fil-kawża fl-ismijiet “Victor Bonavia vs L-Awtorita’ tal-Ippjanar et.**”** (Mhux pubblikata)[3] Is-socjeta' rikorrenti ssottomettiet inoltre li huma l-intimati illi jridu jikkonvinċu l-Qorti bl-argumenti u l-provi mressqa illi fl-interess tal-ġustizzja l-Qorti għandha tiddeklina l-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha[4].

L-intimati jissottomettu illi din il-Qorti m’għandhiex tisma’ l-każ għaliex ir-rikorrenti m’appellatx mid-deċiżjoni tas-26 t’Ottubru, 2009, u jghidu li l-proċeduri preżenti huma vessatorji għax mhumiex ħlief “appell” minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Dwar dan ir-rikorrenti jissottomettu illi dan m’ghandux ikun il-każ u li mill-istess premessi fir-rikors promotur hu evidenti illi l-mertu tal-kawża preżenti mhuwiex l-istess mertu tal-kawża 965/2002 għaliex l-ilmenti preżenti huma ta’ natura prettament Kostituzzjonali u Konvenzjonali u r-rimedju li tista’ tagħti l-Qorti huwa aktar wiesgħa minn dak li tista’ tagħti Qorti ordinarja.

---

[2] Prim Awla tal-Qorti Ċlvili, konfermata fl-appell mill-Qorti Kostituzzjonali, 15.01.1991

[3] Anthony Gauci v Transport Malta *et,* Prim Awla (Sede Kostituzzjonali), 25.11.2010

[4] ibid

Is-socjeta' rikorrenti rrilevat li fil presenti proceduri l-Qorti qed tintalab tiddeċiedi dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tal-esponenti u għalhekk it-talbiet jaqgħu prettament taħt il-ġurisdizzjoni oriġinali ta' din il-Qorti. Hawnhekk ghandu jigi rrimarkat li l-imsemmija diskrezzjoni li giet moghtija lill-Qorti m'ghandhiex tiddependi fuq in-natura tat-tabiet fir-rikors promotur izda tiddependi jekk kienx hemm rimedji ohra hekk imsejjhin "ordinarji" li kienu ukoll effikaci sabiex ir-rikorrenti jottjenu rizultat simili ghal dak li jridu jottjenu permezz ta' dawn il-proceduri. Tintuza l-kelma "ordinarji" f'dan il-kuntest peress li proceduri kostituzzjonali huma konsidrati, bir-ragun, li huma "sraordinarji."

Tinnota li dwar din l-eccezzjoni l-intimata Korporazzjoni Enemalta rrilevat illi r-rikorrent ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji li tipprovdi l-liġi stante illi r-rikorrent ma interponietx appell mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ambitu tal-proċeduri kontestati, kif kien jagħtiha l-fakolta li jagħmel il-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. L-istess Korporazzjoni intimata tissottometti ukoll li l-kawża bejn il-partijiet kienet ġiet deċiża fis-26 ta' Ottubru 2009 b'dan illi ġew miċħuda t-talbiet kollha tal-attriċi, u tissottometti li minn dakinhar skatta a favur tas-soċjeta rikorrenti t-terminu sabiex jiġi nterpost appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, b'dan illi s-soċjeta rikorrenti setgħet ukoll, apparti l-kwistjonijiet fuq il-mertu, tappella kontra d-dikriet li ċaħad it-talba tagħha sabiex jiġu prodotti l-files in kwistjoni u dan ai termini tal-artikolu 229(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ma sarx u wara t-trapass ta' diversi xhur donnha bħal stenbħet u ntavolat il-preżenti proċeduri kostituzzjonali.

Il-Korporazzjoni rrifereiet ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet "Olena Tretjak v. Direttur taċ-Ċittadinza u Expatriate Affairs" (Rikors numru 22/2005 JRM deċiża fit-30 ta' Ġunju 2005**)**, li kienet giet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali (Appell Ċivili numru 22/2005/1 deċiża fis-16 ta' Jannar 2006), fejn intqal fost affarijiet ohra li - "Meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser:

ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat. M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se' jaghti lir-rikorrent suċċess garantit, bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci.

"Madankollu, l-ezistenza ta' rimedju iehor trid titqies fiz-zmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali. M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel." Dan jidher li hu l-kaz f'dawn il-proceduri.

Din il-Qorti tikkonsidra li hu minnu li hawnhekk si tratta ta' lanjanza li gew lezi xi drittijiet fundamentali tar-rikorrenti propio et nomine pero' hu minnu ukoll li jidher li r-rikorrenti ma għoġobiex tagħmel użu mir-rimedju li tappella mis-sentenza u fl-istess hin tappella mid-dikrieti in kwestjoni f'dawn il-proceduri. Jidher li l-imsemmi rimedju tal-appell kien wiehed idoneu għall-ilment in kwestjoni tas-socjta' rikorrenti. In fin dei conti hawnhekk l-ilment hu dwar il-produzzjoni ta' file fil-kawża. Din il-Qorti thoss li r-rimedju imsemmi tal-appell setgha kien wiehed idoneu u effikaci li seta jwassal ukoll ghar-rimedju effettiv.

L-intimati Avukat Generali u Direttur tal-Kuntratti, dwar din l-eccezzjoni, jghamlu varji sottomissjonijiet u dan fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. L-imsemmija intimati jirrilevaw li s-socjeta' rikorrenti fil-proceduri in kwestjoni għalqet il-provi tagħha fil-15 ta' Ġunju 2005 mingħajr ma għamlet ebda riserva li titlob il-produzzjoni tad-dokumenti jew files in kwestjoni fi stadju ulterjuri. Jidher inoltre li meta

l-Qorti cahdet il-varji talbiet tas-socjeta' rikorrenti dejjem inghataw ir-ragunijiet ghalfejn l-istess talbiet kienu qed jigu michuda. Dawn ir-ragunijiet kienu principalment li s-soċjetà rikorrenti setgħet tavvanza t-talba għall-produzzjoni tal-files qabel ma għalqet il-provi tagħha u kif ukoll minħabba l-fatt li tali dokumenti setghu jġorru kontenut sensittiv li jikkonċerna terzi persuni li ma kinux parti f'dawk il-proċeduri.

Inoltre jigi rilevat li s-soċjetà rikorrenti ħalliet it-terminu ghall-appell jghaddi, kemm ghar-rigward ta' meta nghataw il-varji dikrieti imsemmijin fir-rikors promotur kif ukoll meta nghatat is-sentenza finali tas-26 ta' Ottubru 2009. Sussegwentement, diversi xhur wara, s-soċjetà rikorrenti donnha stenbhet u riedet tqajjem l-imsemmija kwestjonijiet dwar id-dikrieti, li kienu qed jichdu t-talba ghall-produzzjoni tal-imsemija dokumenti, u dan permezz ta' dan ir-rikors kostutuzzjonali b'referenza ghall-allegazzjoni ta lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghha.

In effett il-Qorti taqbel mat-teżi tal-intimati li fil-fatt kien hemm opportunità ampja sabiex ir-rikorrenti titlob reviżjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti li ma tħallix li jigu prodotti l-imsemija dokumenti jew ahjar files. Meta ngħatat is-sentenza, is-soċjetà rikorrenti kellha opportunità li tippreżenta appell ukoll mid-dikrieti in kwestjoni. Dan is-socjeta' rikorrenti naqset milli tagħmlu. Ma hemmx dubju, peress li l-ligi hi cara, li l-Qorti ghandha diskrezzjoni li tghazel li tiddeklina li tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fil-każ li jirrizulta li seta' kien hemm rimedju iehor 'ordinarju' li s-ssocjeta' rikorrenti setghet facilment tesercita u liema rimedju kien wiehed effikaci ghall-finijiet li riedet is-socjeta'. Il-Qorti ghalhekk ghandha d-dritt li tagħżel li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-rikors kostituzjonali. Ir-rimedju disponibbli, fiż-żmien opportun, kien li jsir appell mid-dikrieti interlokutorji, jew inkella li jsir appell mid-deċiżjoni fil-meritu tal-kawża. Ir-rimedju ta' l-appell fil-qrati ordinarji jservi proprju ghall-iskop li riedet is-socjeta' rikorrenti. Is-socjeta' rikorrenti ma tistax, wara li tkun ħalliet jgħaddi t-terminu utili għall-appell, tipprova terġa' tqajjem il-kwistjoni dwar kif instemgħu il-provi fil-kors tal-kawza quddiem il-Qorti ta' Prin'Istanza quddiem din il-

Qorti fis-sede Kostituzzjonali taghha. F’dan is-sens ir-rikors promotur jidher li hu iktar appell mis-sentenza tal-Qorti ta’ Prim’Istanza. Għaldaqstant, in vista ta’ dak kollu li gie premess, din il-Qorti għandha tilqa’ l-eċċezzjonijiet dwar nuqqas ta’ użu ta’ rimedju ordinarju u tastjeni milli tesercita l-gurisdizzjoni tagha Kostituzzjonali.
Inoltre peress li din l-eccezzjoni ser tigi akkolta m’hemmx ghalfejn jigu ezaminati l-eccezzjonijiet l-ohra kif ukoll m’hemmx ghalfejn li jigi ezaminat il-meritu.

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha:-

Tiddecidi li tilqa l-eccezzjoni preliminarja tal-intimati kollha u ghalhekk tirrifjuta li terzercita s-setghat kostituzzjonali taghha ai termini tal-proviso tas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ai termini tal-proviso tas-subinciz (2) ta’ l-artikolu 4 tal-Kap 319 u dana stante li s-socjeta rikorrenti proprio et nomine setghat taghmel uzu minn rimedju “ordinarju” idoneu u effikaci.

Spejjez kollha kontra s-socjeta’ rikorrenti proprio et nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------